# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 10**

**Rikors numru 1122/12/1 AF**

**George u Rosaria konjuġi Falzon**

**v.**

**Carmelo Falzon**

**Mary Gelfo u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Mejju 2013 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fil-kunjom ta' Mary Gelfo u li għandu jaqra 'Mary Falzon', u fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2013, il-Qorti ordnat li l-atti jiġu trasfużi f'isem Maria Falzon bħala tutriċi ta' Kaylee Falzon**

**B'digriet tal-Qorti tal-11 ta' Diċembru 2012, Dr. Simon Micallef Stafrace LL.D u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo ġew maħtura kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-eredi tal-mejta Concetta Falzon u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Mejju 2013, il-Qorti laqgħet it-talba għall-estromissjoni tal-kuraturi deputati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo**

**Joseph Falzon**

**Carmelo Falzon**

**Emmanuel Falzon**

**Hugo Falzon**

**u**

**Josephine Muscat**

**u**

**l-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi George u Rosaria miżżewġin Falzon minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Jannar, 2019, fejn din ċaħdet it-talbiet tagħhom: (i) biex jiksbu dikjarazzjoni li l-konvenuti naqsu mill-obbligi merfugħa minnhom fil-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995; u (ii) sabiex il-konvenuti jiġu mġiegħla jiffirmaw kull dokument meħtieġ biex it-trasferiment tal-karozza tal-linja bin-numru ta' reġistrazzjoni Y-0426 (illum DBY 426) tiġi reġistrata mal-awtoritajiet kompetenti.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-12 ta' Novembru, 2012, l-atturi appellanti fissru li b'kitba privata tat-8 ta' Mejju, 1995, huma xtraw mingħand il-konvenut Carmelo Falzon u martu l-karozza tal-linja bin-

numru ta' reġistrazzjoni Y-0426 (illum DBY 426). Tennew li skont il-ftehim, il-bejjiegħa kienu obbligaw ruħhom li jagħtuhom garanzija tal-paċifiku pussess u t-tgawdija ħielsa tal-karozza tal-linja, filwaqt li l-ispejjeż meħtieġa biex isir it-trasferiment tal-karozza tal-linja kellhom isiru mix-xerrejja. Għad li l-konvenuti ġew imsejħa numru ta' drabi biex jersqu għat-trasferiment tal-karozza tal-linja, dawn baqgħu ma onorawx l-obbligu mirfugħ minnhom, u b'hekk l-atturi saħqu li ġarrbu d-danni, sew għaliex huma spiċċaw biex tilfu l-bejgħ tal-karozza tal-linja meta ġiehom il-waqt, u kif ukoll għaliex l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ċaħditilhom il-kumpens li kien dovut lilhom bħala sidien tal-karozza tal-linja, għaliex din ma kinitx reġistrata fuqhom u l-liċenzja tagħha ma kinitx f'isimhom.

3. Għalhekk, huma fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-konvenuti naqsu mill-obbligi assunti fl-iskrittura datata 8 ta' Mejju, 1995.*
>
> *2. Tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jiffirmaw kull dokument neċessarju sabiex jiġi effettwat it-trasferiment tal-imsemmija xarabank mal-awtoritajiet kompetenti u fin-nuqqas li l-konvenuti jagħmlu dan, taħtar kuraturi deputati sabiex jidhru għall-konvenuti għat-trasferiment relattiv.*
>
> *3. Tordna li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tersaq għal kuntratt mal-atturi bħala sidien reġistrati u tagħti l-kumpens lill-imsemmija atturi.*
>
> *4. Fin-nuqqas illi t-tielet talba tiġi milqugħa, tillikwida, tiddetermina u tiddikjara l-ammont ta' danni sofferti mill-atturi.*
>
> *5. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu s-somma hekk likwidata favur l-atturi.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

4. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta ressqet risposta maħlufa fid-9 ta' Jannar, 2013. Madankollu, b'nota tal-25 ta' April, 2013, l-atturi rtiraw it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tagħhom, filwaqt li aktar tard, b'nota oħra tat-28 ta' Mejju, 2013 huma ċedew il-kawża tagħhom fil-konfront tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

5. Fl-10 ta' Jannar, 2013, ressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom il-konvenuti Carmelo Falzon, Mary Falzon, Joseph Falzon, Carmelo Falzon, Emanuel Falzon, Hugo Falzon u Josephine Muscat, u wara li qajmu numru ta' eċċezzjonijiet preliminari, huma eċċepew hekk:

> *«7. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess illi t- talbiet attriċi fil-konfront tal-esponenti ma jistgħux jintlaqgħu u dan stante li l-atturi naqsu mill-obbligazzjoni tagħhom li jgħaddu s-somma miftiehma lill-istess esponenti u b'hekk skattat ir-riżoluzzjoni riżoluttiva u dan ai termini tal-Artikolu 1068 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *8. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess illi t- talbiet kif postulati ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tal- esponenti għaliex se mai, l-atturi kellhom primarjament jitolbu l-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni u fin-nuqqas li dan isir, ikunu jistgħu jipproċedu għad-danni;*
>
> *9. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess illi t- talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif se jirriżulta fil- mori tal-kawża;*
>
> *10. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar, 2019, l-Ewwel Qorti: (i) ħelset lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex l-atturi ċedew il-kawża fil-konfront tagħha; (ii) astjeniet milli tieħu qies tat-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tal-atturi minħabba li dawn ġew rinunzjati;

(iii) astjeniet milli tieħu qies tar-raba', il-ħames u t-tmien eċċezzjonijiet tal-konvenuti għaliex dawn tressqu fil-konfront tat-talbiet tal-atturi li ġew irtirati; (iv) ċaħdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti; (v) laqgħet is-seba' eċċezzjoni tal-konvenuti; u (vi) b'hekk ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi.

7. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar inadempiment ta' obbligi kuntrattwali. Permezz dawn il-proċeduri, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti jagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex isir it-trasferiment tal-liċenzja tax-xarabank tal-għamla AEC bin-numru ta' reġistrazzjoni Y-0426 (illum DBY 426) minn fuq isem il-konvenut Carmelo Falzon għal fuq isem l-attur George Falzon.*

*Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur huwa iben il-konvenut Carmelo Falzon. L-attur għandu fil-pussess tiegħu x-xarabank mertu tal-kawża b'dan illi l-liċenzja tal-imsemmija xarabank tgħajjat lill-konvenut Carmelo Falzon.*

*L-atturi kienu ffirmaw skrittura privata datata 8 ta' Mejju 1995 mal-konvenut Carmelo Falzon u martu Catherine Falzon, illum mejta, li permezz tagħha l-atturi xtraw mingħand Carmelo u Catherine Falzon ix-xarabank de quo [agitur]. Peress illi ma ġietx esebita kopja kompluta ta' din l-iskrittura, għaliex ma setgħetx tiġi rintraċċjata mill-atturi, il-kundizzjonijiet ta' dan il-bejgħ baqgħu misturi. Madankollu, mid-dokument esebit jirriżulta li kien ġie stabbilit prezz, liema prezz kellu jitħallas fuq l-iskrittura, stante li l-vendituri ddikjaraw li kienu qegħdin iħallu d-debita riċevuta. Ġie stipulat ukoll illi l-ispejjeż sabiex isir it-trasferiment tal-liċenzja tax-xarabank kellhom ikunu a karigu tax-xerrejja u li l-venditur kien qiegħed jiggarantixxi l-paċifiku pussess u liberu godiment tal-vettura, ossia xarabank.*

*Kif diġà ntqal, jirriżulta li x-xarabank de quo [agitur] kienet u għadha fil-pussess tal-attur imma t-trasferiment tal-liċenzja għal fuq ismu minn fuq isem il-konvenut Carmelo Falzon qatt ma saret. Skont Carmelo Falzon, dan għaliex l-attur baqa' qatt ma ħallsu l-prezz miftiehem ta' Lm2,000 għall-bejgħ tax-xarabank. L-attur jinsisti li huwa kien xtara x-xarabank minn flusu fl-1979 għall-prezz ta' Lm1,400 u li l-iskrittura tal-1995 saret sabiex il-partijiet jirregolaw ruħhom. Peress li l-konvenut baqa' jirrifjuta*

*li jiffirma d-dokumenti meħtieġa għat-trasferiment tax-xarabank, l-attur jgħid li kellu jiftaħ din il-kawża. Skont l-attur ukoll, minħabba l-aġir tal-konvenuti huwa tilef il-bejgħ tax-xarabank kif ukoll l-opportunità li jiġi kkumpensat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.*

*Permezz ta' nota preżentata seduta stante fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2013, l-atturi ddikjaraw li kienu qegħdin iċedu l-atti tal- kawża fil-konfront tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat- talbiet attriċi fil-konfront tagħha u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-risposta ġuramentata tal-Awtorità.*

*Permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-kawża fil-25 ta' April 2013, l-atturi ddikjaraw li kienu qegħdin jirtiraw it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tagħhom. Il-konvenuti oġġezzjonaw għal din in-nota għal raġunijiet ta' natura proċedurali kif ukoll minħabba l-ispejjeż. Iżda r-rigorożità formali, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, ġiet temperata tul is-snin sabiex 'issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ' (**Michael Attard noe v. Raymond Galea**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 1998) u 'kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorożità proċedurali, u l-formaliżmu esaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk ma għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawża' (**Aquilina v. Cassar** – Vol. LXXVI.iv.666), (il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza **James Demanuele v. Elena Maria Felice** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 2002 u l-ġurisprudenza hemm ċitata). Għalhekk, din il-Qorti tqis illi bin-nota tagħhom l-atturi rrinunzjaw għat-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tagħhom u għaldaqstant, ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.*

*Il-konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ġew sorvolati in kwantu li l-Qorti ordnat l-estromissjoni tal-kuraturi deputati kif ukoll awtorizzat korrezzjoni fl-okkju tal-kawża sabiex kunjom il-konvenuta jaqra Falzon minflok Gelfo.*

*Il-konvenuti jeċċepixxu li r-rikors ġuramentat huwa null għaliex ma ġiex imfisser sew l-oġġett u raġuni tat-talba kif irid l-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Madankollu, kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Guido J. Vella A & CE v. Dr Emanuel Cefai LLD** tal-4 ta' Novembru, 1991, meta f'ċitazzjoni teżisti vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni tal-**Artikolu 156(1)(a)** għax ma jkunx fiha tifsira ċara u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Issa fil-każ tal-lum, il-konvenuti la spjegaw għalfejn, skont huma, ir-rikors ġuramentat mhuwiex konformi mal-artikolu 156(1)(a), u wisq inqas urew li sofrew xi preġudizzju. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.*

*Il-konvenuti imbagħad jeċċepixxu l-preskrizzjoni a tenur tal- Artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kap. 16. Madankollu, ladarba l-atturi rrinunzjaw għat-talbiet tagħhom għad-danni, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni m'għadhiex*

*rilevanti għaliex l-atturi mhumiex aktar qegħdin jitolbu danni jew ħlas. L-istess jingħad dwar it-tmien eċċezzjoni.*

*Permezz tas-sitt eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu li l-kopja tal-iskrittura tat-8 ta' Mejju 1995, esebita mill-atturi, mhijiex ammissibbli bħala prova għaliex la hija l-oriġinal u lanqas kopja tagħha, u b'żieda ma' dan mhijiex l-iskrittura fl- intier tagħha u ma tistax tiġi awtentikata.*

*Il-Qorti ma taqbilx illi din il-kopja mhijiex ammissibbli bħala prova. Fl-ewwel lok, il-Qorti awtorizzat lill-atturi jressqu bħala xhud f'din il-kawża lil Dr. Mark Busuttil li kien xhud tal-firem tal-partijiet fuq l-iskrittura. Dr. Busuttil ikkonferma li din l-iskrittura kienet redatta minnu u li l-partijiet iffirmaw quddiemu. Fuq kollox, kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ fl-ismijiet* ***John Baptist Zammit v. John Grech*** *tat-28 ta' April 2004:*

> *"Effettivament, huwa paċifiku wkoll illi għall-prova tal-eżistenza ta' ftehim, hu x'inhu, ma kinitx indispensabbli l-produzzjoni tal-iskrittura u huwa biżżejjed illi l-prova ssir bi kwalunkwe mod li jikkonvinċi lill-Qorti, naturalment skont iċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ, kif emerġenti mir-riżultanzi proċesswali."*

*Fit-tieni lok, għalkemm huwa minnu li ma ġietx esebita kopja tal-iskrittura fl-intier tagħha, dan ma jfissirx illi dan id-dokument ma jistax iservi ta' prova ta' dak li hemm miktub fil-parti tal-iskrittura li ġiet esebita u li hija leġibbli. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk ukoll tiġi miċħuda.*

*Finalment, il-konvenuti jeċċepixxu li kienu l-atturi li naqsu mill- obbligu tagħhom li jħallsu s-somma miftiehma, u għalhekk, a tenur tal-Artikolu 1068 tal-Kap. 16, skattat il-kundizzjoni riżoluttiva.*

*Il-Qorti ser tibda billi tgħid illi l-verżjoni tal-attur li huwa ħallas sabiex xtara x-xarabank fl-1979 mhijiex kredibbli in vista tas- segwenti osservazzjonijiet:*

*i. L-attur naqas milli jippreżenta riċevuta għall-ħlas ta' Lm1,400 li jgħid li għamel fl-1979;*

*ii. Minkejja li jgħid li huwa dejjem ħallas l-ispejjeż kollha relatati ma' din ix-xarabank, ma ppreżentax imqar dokument wieħed sabiex juri dan;*

*iii. Li kieku x-xarabank kien xtraha fl-1979, naturalment ma kienx ser jerġa' jixtriha fl-1995;*

*iv. L-attur naqas milli jispjega kif ġie miftiehem prezz fl-iskrittura tal-1995 meta, skont hu, dakinhar ma kellu jitħallas l-ebda prezz għaliex ix-xarabank kien diġà xtraha fl-1979;*

*v. Filwaqt illi l-attur jgħid li x-xarabank ma ġietx reġistrata fuq ismu fl-1979 għaliex dak iż-żmien huwa seta' jkollu waħda biss reġistrata fuq ismu, fl-istess nifs jgħid illi kellu erbgħa oħra reġistrati fuqu.*

*Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u nonostante li fl-iskrittura ġie dikjarat illi l-vendituri kienu qegħdin iħallu d-debita riċevuta, din il-Qorti hija aktar disposta temmen il-verżjoni tal-konvenut Carmelo Falzon li l-attur qatt ma ħallas ċenteżmu għall-akkwist tax-xarabank de quo.*

*Dan ma jfissirx illi l-bejgħ qisu qatt ma sar. Skont l-Artikolu 1347 tal-Kap. 16,*

> *"il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej."*

*Madankollu, ladarba l-atturi naqsu milli jħallsu l-prezz miftiehem għall-bejgħ, il-konvenut mhuwiex mistenni li jitrasferixxi x-xarabank għal fuq isem l-attur…»*

8. L-atturi George u Rosaria miżżewġin Falzon appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fl-4 ta' Frar, 2019, bl-ilmenti tagħhom ikunu li l-Ewwel Qorti għamlet għarbiel ħażin tal-provi u kif ukoll li hija ma ħaddmitx il-liġi b'mod tajjeb.

9. Il-konvenuti Falzon u Muscat wieġbu għal dan l-appell fis-27 ta' Frar, 2019 u fir-risposta huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

10. Inżamm smigħ fil-15 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Għalkemm fir-rikors tal-appell tagħhom l-appellanti qegħdin

jilmentaw li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti la għamlet eżami tajjeb tal-provi mressqa fl-atti u lanqas ħaddmet tajjeb il-liġi għall-fatti tal-kawża, huma rabtu dawn iż-żewġ ilmenti flimkien billi ressquhom f'aggravju wieħed.

12. L-appellanti jgħidu li għalkemm l-Ewwel Qorti aċċettat il-kopja tal-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995 bħala prova, hija tat il-ġenb kemm lil din il-kitba u kif ukoll lill-verżjoni tal-atturi, u minflok iddeċidiet il-każ billi aċċettat ix-xhieda ta' Carmelo Falzon. Huma jisħqu li din il-kitba kienet aktar milli biżżejjed biex turi dak li kien seħħ bejn il-partijiet. Isostnu li l-prova ta' din il-kitba, li ġiet iffirmata quddiem l-avukat Mark Busuttil, iġġib fix-xejn il-provi l-oħra li kkonsidrat l-Ewwel Qorti.

13. L-appellanti jżidu jgħidu li ma hemm l-ebda lok għat-tfixkil fl-interpretazzjoni ta' dak miftiehem fit-8 ta' Mejju, 1995 f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasferiment tal-karozza tal-linja u l-ħlas li sar. Jisħqu li l-kitba inkwistjoni ssemmi li tħalliet debita riċevuta għall-ħlas u li prova aktar ċara minn din l-irċevuta ma tistax tinġieb. Huma jistqarru li ġaladarba l-kitba u l-kontenut tagħha ġew aċċettati bħala ammissibbli mill-Ewwel Qorti, wieħed ma jifhimx kif l-Ewwel Qorti għażlet li twarrab din id-dikjarazzjoni li saret fil-kitba. L-appellanti jgħidu wkoll li ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-karozza tal-linja tinsab f'idejhom. Isostnu li Carmelo Falzon qatt ma talabhom iħallsu l-ammont li skontu huwa dovut

lilu bħala ħlas għall-karozza tal-linja.

14. L-appellanti jilmentaw ukoll li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta hija kkonkludiet li ġaladarba l-ħlas ma sarx, daħlet fis-seħħ il-kundizzjoni riżoluttiva skont l-**Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili**. Huma jisħqu li qabel saret il-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995, il-partijiet kienu diġà qegħdin joperaw skont il-ftehim li kellhom, u li kieku l-appellanti kien għad jonqoshom iħallsu xi flus, l-appellat Carmelo Falzon u martu ma kienx ikollhom ħtieġa li jiffirmaw l-istess kitba. F'kull każ, l-appellanti jtennu li huma kellhom jingħataw żmien xieraq sabiex jirregolaw ruħhom dwar il-ħlas li seta' kien hemm dovut qabel ma Carmelo Falzon inħall mill-obbligu tiegħu skont dik il-kitba.

15. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-appellati Falzon u Muscat jisħqu li l-għarbiel tal-provi kif imwettaq mill-Ewwel Qorti kien wieħed ġust għaliex matul il-kontroeżami tal-appellant George Falzon ħarġu diversi diskrepanzi fit-teżi tiegħu. Huma jgħidu li l-atturi appellanti kellhom żewġ toroq li setgħu jagħżlu. Minflok talbu l-ħall tal-arranġament li kien hemm bejn il-partijiet, l-atturi appellanti għażlu li jitolbu lill-Qorti biex tikkundanna lill-konvenuti appellati jwettqu l-obbligazzjoni tagħhom u jiffirmaw kull dokument meħtieġ biex isir it-trasferiment tal-karozza tal-linja. L-appellati jsostnu li l-ħlas lilhom mill-appellanti kien obbligu essenzjali u integrali tal-appellanti biex ikun jista' jseħħ it-trasferiment tal-vettura. Jissoktaw jargumentaw li

n-nuqqas tal-appellanti li ma jħallsuhomx il-prezz miftiehem huwa aktar gravi mir-rifjut tagħhom li jirreġistraw it-trasferiment tal-vettura mal-awtoritajiet kompetenti. Huma jisħqu li għalhekk huma kellhom kull dritt li jitolbu t-tħaddim tal-**Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili** fil-konfront tal-appellanti.

16. Din il-Qorti tqis li r-relazzjoni ġuridika ta' bejn il-partijiet twieldet minn kitba privata li saret bejniethom fit-8 ta' Mejju, 1995 quddiem l-avukat Mark Busuttil. La l-partijiet u lanqas l-avukat Mark Busuttil ma kienu f'qagħda li jippreżentaw kopja sħiħa ta' din il-kitba. Kemm hu hekk, fis-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2023 li fiha ġie trattat l-appell, l-avukati tal-partijiet qablu li l-kopja ta' din il-kitba, li tinsab fl-atti, mhijiex waħda sħiħa.

17. Din il-kitba, li saret bejn Carmelo u Catherine miżżewġin Falzon (magħrufin bħala l-bejjiegħa) min-naħa l-waħda u George u Rosaria miżżewġin Falzon (magħrufin bħala x-xerrejja) min-naħa l-oħra, taqra hekk:

> *«Peress li l-vendituri huma proprjetarji ta' karozza tal-linja Y-0426 tal-għamla AEC;*
>
> *Peress illi x-Xerrejja huma disposti li jixtru u jakkwistaw l-vettura fuq indikata.*
>
> *Il-partijiet jaċċettaw li jirregolaw ruħhom taħt dawn il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li ġejjin:*
>
> *a. Bil-prezz bonarjament miftiehem ta' ...*
>
> ... (hawnhekk jidher li hemm kliem maqbuż u l-kitba titkompla fuq

paġna oħra) ...

*qed titħalla debita riċevuta.*

*b. L-ispejjeż neċessarji biex isir it-transfer tal-vettura favur ix-xerrejja għandhom ikunu a karigu tal-istess xerrejja.*

*c. Il-vendituri jiggarantixxu l-paċifiku pussess u liberu godiment tal-vettura.»*

18. Il-Qorti tqis li fil-qasam tal-bejgħ, il-liġi trid li l-kuntratt iseħħ hekk kif il-partijiet jaqblu fuq: (i) il-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim; u (ii) dwar il-prezz tagħha. Imqar jekk il-ħaġa ma tkunx għaddiet f'idejn ix-xerrej u ma jkunx ħallas prezzha, huwa jsir sidha, u minn dak il-waqt 'l hemm is-sogru tagħha jgħaddi f'idejh (ara l-**Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili**). L-obbligu tax-xerrej huwa dak li jħallas il-prezz tal-ħaġa mibjugħa (ara l-**Artikolu 1346 tal-Kodiċi Ċivili**), filwaqt li l-obbligi tal-bejjiegħ huma dawk li jgħaddi l-oġġett mibjugħ lix-xerrej u jagħtih garanzija tagħha (ara l-**Artikolu 1378 tal-Kodiċi Ċivili** u s-sentenza ***Fabian Enterprises Limited v. Joe Grima*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru, 2005). Madankollu, il-bejjiegħ mhuwiex obbligat li jikkunsinna l-ħaġa mibjugħa jekk ix-xerrej ma jħallasx il-prezz tagħha, ħlief meta l-bejjiegħ ikun ta lix-xerrej żmien għall-ħlas (ara l-**Artikolu 1391 tal-Kodiċi Ċivili**).

19. Huwa wkoll stabbilit fil-liġi li fl-obbligu tal-kunsinna tal-ħaġa l-bejjiegħ huwa marbut ukoll li jikkonsenja l-aċċessorji tagħha u dak kollu li jservi għall-użu tal-ħaġa nnifisha (ara l-**Artikolu 1398 tal-Kodiċi Ċivili**). Minbarra dan, il-bejjiegħ huwa obbligat li jikkonsenja l-ħaġa fil-kwantità

kollha mifthiema (ara l-**Artikolu 1399 tal-Kodiċi Ċivili**). Dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi għandhom jinqraw flimkien u minnhom wieħed jifhem li d-dmir tal-kunsinna fuq il-bejjiegħ ma jitqiesx imwettaq jekk il-kunsinna ma ssirx b'mod sħiħ, kif imfisser hawn fuq, sakemm ma jkunx hemm patti bejn il-partijiet li jfissru kunsinna f'partijiet jew b'mod ieħor (ara ***Joseph Ciantar v. David Coleiro*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Marzu, 2001).

20. Fil-każ tagħna m'hemmx dubju li l-kuntratt ta' bejgħ tassew seħħ bejn il-partijiet għaliex dawn qablu kemm dwar l-oġġett li kellu jinbiegħ (f'dan il-każ il-karozza tal-linja) u kif ukoll dwar il-prezz. Huwa minnu li fil-kopja tal-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995, li hemm fl-atti tal-kawża, il-prezz ma jidhirx għaliex din il-kopja mhijiex waħda sħiħa. Madankollu, minn qari ta' din il-kopja huwa ċar li l-partijiet kienu laħqu qbil dwar il-prezz li bih kellha tinbiegħ il-karozza tal-linja.

21. Hemm ukoll qbil bejn il-partijiet li l-imsemmija karozza tal-linja kienet tinsab f'idejn l-atturi appellanti sa minn qabel il-ftehim li seħħ fit-8 ta' Mejju, 1995. Minkejja dan, il-konvenuti appellati baqgħu ma għamlux dak meħtieġ sabiex it-trasferiment tal-vettura jiġi reġistrat mal-Awtorità kompetenti, u għalhekk f'għajnejn l-imsemmija Awtorità dawn baqgħu s-sidien tal-karozza tal-linja. B'hekk, darba li din ir-reġistrazzjoni ma saritx, il-Qorti ma tistax tqis li l-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa saret b'mod sħiħ

għaliex l-awtoritajiet għadhom jgħarfu lill-konvenuti appellati bħala s-sidien tal-vettura u mhux lill-atturi appellanti.

22. Issa fis-seba' eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti appellati jisħqu li huma kellhom raġuni tajba biex ma jwettqux dak li kien meħtieġ biex issir ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-karozza tal-linja mal-Awtorità kompetenti għaliex skonthom l-atturi appellanti naqsu mill-obbligazzjoni tagħhom li jħallsuhom il-prezz miftiehem. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas min-naħa tal-appellanti, l-appellati jgħidu li daħlet fis-seħħ kundizzjoni riżoluttiva skont l-**Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili**.

23. Il-Qorti tqis li skont dan l-artikolu tal-liġi, fil-każ ta' kuntratti bilaterali, il-kundizzjoni riżoluttiva taċita titqies dejjem li tgħodd meta xi waħda mill-partijiet ma twettaqx l-obbligazzjoni li ntrabtet mal-parti l-oħra li tagħmel, u allura tkun inadempjenti (ara ***Dr. Josè Herrera nomine v. Gaetano Debattista et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April, 2008). Il-kundizzjoni riżoluttiva għandha l-istess effett bħall-patt kommissorju taċitu, bid-differenza li fil-każ ta' kuntratti ċivili, dan tal-aħħar ma jġibx il-ħall awtomatiku tar-rabta iżda l-kuntratt jinħall biss wara azzjoni għal daqshekk mix-xerrej u mhux *ope exceptionis* (ara ***Mark Borda noe v. Rafel Muscat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Mejju, 1984 u ***Dr. Mario Falcone noe v. Regina Bianca Ltd*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' April, 2003).

24. Meta kundizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament, kemm dik li titqies bħala magħmula taċitament, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjonijiet tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kundizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibbli (ara l-**Artikolu 1069 tal-Kodiċi Ċivili**).

25. Madankollu, hemm differenza netta fit-tħaddim tagħha bejn il-waħda u l-oħra. Kemm hu hekk, jekk il-kundizzjoni riżoluttiva hija espressa fil-kuntratt, meta din il-kundizzjoni sseħħ, il-kuntratt jinħall *ipso iure*, u l-Qorti ma tista' tagħti ebda żmien lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni (ara l-**Artikolu 1067 tal-Kodiċi Ċivili**). Mill-banda l-oħra, jekk il-kundizzjoni riżoluttiva hija taċita, il-kuntratt ma jinħallx *ipso iure*, u l-Qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni tiegħu (ara l-**Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili**).

26. Fil-każ tagħna, fir-rikors maħluf tagħhom, l-atturi appellanti ma talbux lill-Qorti biex huma jinħallu mill-effetti tal-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995. Mod ieħor, huma talbu lill-Qorti tagħti lill-konvenuti appellati żmien qasir u perentorju biex fih jiffirmaw kull dokument meħtieġ biex jiġi reġistrat it-trasferiment tal-karozza tal-linja mal-awtoritajiet kompetenti.

27. Dak li allura trid tistħarreġ din il-Qorti, huwa jekk il-konvenuti appellati kellhomx raġuni tajba biex huma jirrifjutaw li jiffirmaw id-dokumenti meħtieġa sabiex l-atturi appellanti jiġu magħrufa bħala s-sidien tal-karozza tal-linja inkwistjoni mal-awtoritajiet kompetenti. Skont il-konvenuti appellati, minħabba li l-appellanti baqgħu ma ħallsux il-prezz miftiehem fuq il-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995, daħlet fis-seħħ kundizzjoni riżoluttiva li ħallithom mill-obbligu tagħhom li jiffirmaw id-dokumenti meħtieġa biex iseħħ it-trasferiment.

28. Jidher għalhekk li d-difiża tal-konvenuti appellati hija msejsa fuq il-massima legali *indemplendi non est ademplendum*, li hija magħrufa wkoll bħala d-difiża tal-*exceptio inadimpleti contractus*. Dan il-prinċipju huwa msawwar fuq ir-raġuni ġuridika illi jekk wieħed huwa inadempjenti u jonqos fl-obbligi tiegħu lejn il-kontraent l-ieħor, ikun immorali li huwa jitlob li jingħataw sanzjonijiet kontra dak il-kontraent l-ieħor li jkun naqas fl-obbligu tiegħu lejh. Dan għaliex huwa stess ikun sab ruħu fl-istess qagħda tal-kontraent l-ieħor, minħabba li min-naħa tiegħu wkoll ikun hemm ksur tal-kuntratt. Għalhekk, f'każ bħal dan ikun hemm tpattija ta' ksur ma' ieħor (ara ***Celestino Muscat v. Giovanni Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ġunju, 1938).

29. Din id-difiża tista' tingħata b'mod ġenerali fir-rigward tal-kuntratti

sinallagmatiċi jew korrispettivi kollha u mhux biss fejn il-liġi tipprovdi għaliha b'mod speċifiku. Eċċezzjoni bħal din tista' tingħata indipendentement mid-dritt tar-riżoluzzjoni tal-kuntratt bis-saħħa tal-patt kommissorju taċitu, u mhux biss kontra l-azzjoni għar-riżoluzzjoni iżda wkoll kontra l-azzjoni għall-eżekuzzjoni, bħal ma qegħdin jagħmlu l-atturi appellanti f'din il-kawża.

30. Ir-rekwiżiti tal-eċċezzjoni *indemplendi non est ademplendum* huma tlieta: (i) l-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tiegħu trid tkun parti integrali mill-ftehim; (ii) l-inadempjenza trid tkun verament ġejja minn nuqqas tal-attur; u (iii) irid ikun hemm proporzjonalità bejn l-inadempjenza tal-partijiet, jiġifieri li n-nuqqas tal-attur meta mqabbel ma' dak li jkun qiegħed jitlob li jitwettaq lilu mill-konvenut, irid ikun wieħed serju (ara ***Engineering Services Ltd v. Reuter Malta Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2003 u ***Joseph Demicoli et v. Angelic Mifsud pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar, 2016).

31. Huwa magħruf li meta din il-Qorti tħabbat wiċċha ma' akkużi reċiproċi ta' inadempiment, ġaladarba jiġi żgurat li tassew ikun hemm inadempiment reċiproku, hija jeħtiġilha mbagħad tagħmel stħarriġ komparattiv tal-imġiba tal-parti mal-oħra billi tqis kemm l-element kronoloġiku, kemm dak tal-proporzjonalità u kif ukoll il-korrispettività tal-obbligi li baqgħu ma twettqux. Dan bil-għan li jiġi determinat jekk l-

inadempjenzi għandhomx l-istess importanza jew jekk l-inadempjenza l-waħda għandhiex tirbaħ fuq l-oħra, sabiex imbagħad il-Qorti tkun f'qagħda li tgħid jekk dawk in-nuqqasijiet jagħtux raġun lil xi parti jew kinux il-ħtija tal-parti l-oħra (ara ***AX Construction Ltd v. Tony Mallia Bonello*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru, 2005 u ***Savemart Company Limited v. M.A. Supermarkets Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Marzu, 2009).

32. B'dawn il-prinċipji quddiemha, u wara li għarblet bir-reqqa l-provi misjuba fl-atti, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-atturi appellanti fejn fl-appell tagħhom huma jgħidu li ħallsu lill-appellati l-prezz miftiehem għax-xiri tal-karozza tal-linja inkwistjoni. Għalkemm l-appellanti jisħqu bil-ħrara li l-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995 tgħid ċar u tond li permezz tagħha kienet qiegħda tingħata riċevuta għall-ħlas imwettaq minnhom, dan mhuwiex minnu. Peress li l-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995 mhijiex waħda sħiħa, hija tgħid biss li dakinhar tħalliet debita riċevuta imma ma tgħidx għal xiex. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tassumi li permezz ta' din il-kitba l-appellat Carmelo Falzon u martu ħallew debita riċevuta għall-ħlas kollu li kien dovut lilhom. Wara kollox, ir-riċevuta setgħet tħalliet biss għall-parti mill-ħlas li kien dovut jew saħansitra għal xi ħaġa oħra. Tassew, ladarba l-kitba ma titfa' l-ebda dawl dwar xiex setgħet tħalliet ir-riċevuta jkun eżerċizzju inutli li wieħed joqgħod jistħajjel x'seta' għadda f'idejn l-appellat Carmelo Falzon u martu dakinhar tat-8 ta' Mejju, 1995.

33. Terġa' u tgħid, kien l-appellant George Falzon stess, li waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2017, xehed li huwa kien xtara din il-karozza tal-linja ferm qabel sar il-ftehim tat-8 ta' Mejju, 1995, iżda dak iż-żmien kien irreġistraha fuq missieru Carmelo Falzon. Jgħid li minħabba f'hekk ma kien tniżżel l-ebda prezz fuq il-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995. Hekk ukoll, waqt ix-xhieda tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2017, l-appellanta Rosaria Falzon qalet li hija ma tiftakarx jekk dakinhar li saret il-kitba quddiem l-avukat Busuttil għaddewx xi flus f'idejn l-appellat Carmelo Falzon.

34. Minn kliem l-appellant George Falzon din il-Qorti fehmet li huwa ma ħallas xejn lill-appellat Carmelo Falzon u martu, la meta saret il-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995 u lanqas wara. Li kieku ma kienx hekk, huwa ma kienx isostni waqt ix-xhieda tiegħu li fuq din il-kitba ma tniżżel l-ebda prezz minħabba li huwa kien diġà ħallas għall-karozza tal-linja meta xtraha fis-sena 1979. Din l-istqarrija ta' George Falzon ixxejjen għalkollox l-insistenza tal-appellanti li fit-8 ta' Mejju, 1995 kienet tħallitilhom debita riċevuta għall-ħlas imwettaq minnhom.

35. Lil hemm minn dan, f'għajnejn din il-Qorti, ma titwemmen xejn it-teżi ta' George Falzon li fuq il-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995 ma kienx ġie maqbul il-prezz li bih huwa xtara l-karozza tal-linja. Għalkemm il-kopja tal-kitba li ġiet ippreżentata fl-atti mhijiex waħda sħiħa, u għalhekk il-prezz

tal-bejgħ ma jissemmiex, din il-kitba tgħid ċar u tond li l-kontraenti kienu qegħdin jaqblu fuq il-prezz li kellu jitħallas biex George u Rosaria Falzon jixtru l-imsemmija karozza tal-linja mingħand Carmelo Falzon u martu. Għalhekk, il-miżien ta' din il-Qorti aktar ixaqleb lejn it-teżi tal-appellat Carmelo Falzon, li jisħaq li l-prezz maqbul bejnu u bejn l-appellanti kien dak ta' Lm2,000, u li minn dan il-prezz huwa baqa' ma tħallas xejn.

36. Wara kollox, jinsab miżmum f'ġurisprudenza konsistenti li min jallega l-ħlas għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti. F'każ ta' dubju u fin-nuqqas ta' riċevuta għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma jkunx tħallas (ara ***Rosario Spiteri v. Michele Mifsud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 1953). Għalkemm huwa aċċettat fil-ġurisprudenza wkoll, li anke fin-nuqqas ta' riċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista' ssir b'mezzi oħra, bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur u provi indiretti bħalma huma preżunzjonijiet u indizzji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant (ara ***Angelo Scicluna v. John Scerri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-19 ta' Novembru, 1951, ***Desmond Mizzi noe et v. Patrick Filletti pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 2000, u ***Antoine Camilleri v. Jason Aquilina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

37. Fil-każ tagħna, matul ix-xhieda tiegħu, l-appellant George Falzon fl-ebda waqt ma stqarr li huwa ħallas lill-appellati jew ipproduċa xi dokument

jew riċevuta bħala prova tal-ħlas. Mod ieħor, l-appellant George Falzon saħaq li fuq il-kitba tat-8 ta' Mejju, 1995 ma ġie maqbul l-ebda prezz bejn il-partijiet fuq dik il-kitba. Kif ingħad qabel, fil-fehma tal-Qorti, dan jagħti x'jifhem li l-appellanti tassew ma ħallsu xejn mill-prezz li kien dovut għax-xiri tal-karozza tal-linja.

38. Meqjus dan, m'hemmx dubju għalhekk, illi l-appellanti huma fi ħtija ladarba huma naqsu li jonoraw l-obbligazzjoni tagħhom tal-ħlas li ġie miftiehem fuq il-ftehim. Il-ftehim inkwistjoni kien wieħed sinallagmatiku u b'obbligazzjonijiet reċiproċi fejn il-ħlas tal-prezz miftiehem kien wieħed integrali. Din il-Qorti ma tarax kif il-konvenuti appellati jistgħu jiġu mġiegħla jirreġistraw il-karozza tal-linja fuq isem l-atturi appellanti meta dawn ma ħallsu xejn mill-prezz li kien dovut. Tassew, mhuwiex mistenni li l-appellati jwettqu l-obbligu tagħhom meta l-appellanti stess ma wettqux tagħhom (ara ***Geranzio Azzopardi v. Carmelo Bezzina et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 2013).

39. Żgur li ma jistax jingħad li r-rifjut tal-appellati li jiffirmaw id-dokumenti meħtieġa biex it-trasferiment tal-vettura jiġi reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti huwa sproporzjonat meta mqabbel man-nuqqas tal-appellanti li jħallsu l-prezz tal-bejgħ tal-vettura. Dan aktar u aktar, meta wieħed iqis li l-appellanti qegħdin igawdu l-użu u l-pussess fiżiku tal-karozza tal-linja. Wara kollox, skont l-**Artikolu 1391 tal-Kodiċi Ċivili**, l-

appellati mhumiex obbligati jwettqu l-kunsinna sħiħa tal-karozza tal-linja mibjugħa, ladarba l-appellati baqgħu ma ħallsux il-prezz tagħha. Għalhekk, l-Ewwel Qorti kienet siewja meta laqgħet is-seba' eċċezzjoni tal-konvenuti appellati u ħaddmet favur tagħhom l-**Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili**.

40. Jifdal li jiġi mistħarreġ l-ilment tal-appellati li l-Ewwel Qorti kien imissha tathom żmien xieraq sabiex huma jirregolaw ruħhom dwar il-ħlas li kien dovut, skont ma hemm maħsub fl-isemmi **Artikolu 1068**. Din il-Qorti tqis li dan ir-rimedju huwa mogħti lill-konvenut meta l-attur f'kawża jkun qiegħed jitlob il-ħall ta' kuntratt minħabba nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni min-naħa tal-konvenut. F'din il-kawża, l-appellanti la huma l-konvenuti u lanqas qegħdin jitolbu l-ħall tal-kuntratt. Għalhekk, dan ir-rimedju ma japplikax għalihom.

41. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, l-aggravju tal-atturi Falzon qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-atturi miżżewġin Falzon. L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad u kif ukoll dawk marbuta mal-appell, għandhom jitħallsu

kollha minn George u Rosaria Falzon.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm